GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR230062 | 15.01.2023 | 5

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Wirja antoloġika tal-arti Mario Zammit-Lewis***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia M.P. inawgura Wirja Antoloġika tal-Arti tal-pittur Malti Mario Zammit Lewis. Din il-wirja għandha titqies bħala rakkont tal-ħidma artistika ta' Mario Zammit-Lewis mill-1956 sal-llum.

Bħal kull artist, Mario Zammit-Lewis jagħmel użu mill-pittura biex jirrakkonta l-ħajja umana u juri l-ġmiel tal-ambjent ta'madwarna. Hu studja l-arti minn età żgħira, bl-ewwel tpinġijiet tiegħu jkunu potraits ta' persuni ċelebri. Għal xi żmien hu esprima ruħu fl-astratt, iżda rritorna lura għal arti figurattiva.

Mario Zammit-Lewis ħa sehem f'diversi wirjiet importanti f'għadd ta' pajjiżi fl-Ewropa, fl-Amerika. Hu kiseb diversi premijiet u saħansitra kritiċi tal-arti magħrufa faħħru x-xogħlijiet artistiċi tiegħu.

L-Ispeaker semma l-impenn tal-awtoritajiet li jipprovdu għajnuna biex ikunu mħarsa xogħlijiet tal-arti u biex iħeġġu tant artisti Maltin biex jieħdu sehem f'wirjiet f'Malta u f'pajjiżi oħra.

Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm is-Sottosegretario għall-Kultura tar-Republikka Taljana, il-Professur Vittorio Sgarbi.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt